SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

18 ta' Diċembru 2007 *

Fil-Kawża C-194/05,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt l-Artikolu 226 KE, imressaq fit-2 ta' Mejju 2005,

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, irrappreżentata minn M. Konstantinidis, bħala aġent, assistit minn G. Bambara, avvocato, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti,

vs

Ir-Repubblika Taljana, irrappreżentata minn I. M. Braguglia, bħala aġent, assistit minn G. Fiengo, avvocato dello Stato, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

konvenuta,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn A. Rosas, President ta' l-Awla, U. Lõhmus, J. N. Cunha Rodrigues, A. Ó Caoimh (Relatur) u P. Lindh, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Mazák,
Reġistratur: J. Swedenborg, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-17 ta' Jannar 2007,

wara li semgħet il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2007,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej qed titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li, sa fejn l-Artikolu 10 tal-Liġi Nru 93, li jistabbilixxi dispożizzjonijiet fil-qasam ta' l-ambjent, tat-23 ta' Marzu 2001 (GURI Nru 79, ta' l-4 ta' April 2001, iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 93/2001"), u l-Artikolu 1(17) u (19) tal-Liġi Nru 443, li jopera delega tal-Gvern fil-qasam ta' l-infrastruttura u installaz-

zjonijiet ta' produzzjoni strateġika kif ukoll ta' invenzjonijiet oħra għall-istimulazzjoni ta' l-attivitajiet tal-produzzjoni, tal-21 ta' Diċembru 2001 (supplement ordinarju tal-GURI Nru 299, tas-27 ta' Diċembru 2001, iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 443/2001"), eskludew mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-iskart, il-ħamrija u l-ġebel mit-tħaffir intiżi għall-użu tal-mili mill-ġdid, ta' l-irdim, ta' l-imbankar u tat-titħin, ħlief materjal minn siti mniġġsa u art irreklamata b'konċentrazzjoni ta' tniġġis ogħla mil-limiti aċċettabbli kif ipprovdut mil-leġiżlazzjoni applikabbli, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha, fir-rigward ta' l-iskart imsemmi iktar 'il fuq, skond id-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE, tal-15 ta' Lulju 1975, dwar l-iskart (ĠU L 194, p. 39), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 91/156/KEE, tat-18 ta' Marzu 1991 (ĠU L 78, p. 32, iktar 'il quddiem id-"Direttiva").

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt Komunitarju

2 Skond l-Artikolu 1(a) u (c) tad-direttiva, għall-finijiet tagħha, għandu jinftiehem bi:

"a) *skart* [:] [...] kull sustanza jew oġġett fil-kategoriji ddikjarati fl-Anness I li l-possessur jarmi jew ikun beħsiebu jew ikun imġiegħel li jarmi.

Il-Kummissjoni, hija u taġixxi b'mod konformi mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 18, se tfassal, mhux iktar tard mill-1 ta' April 1993, lista ta' l-iskartijiet li jappartjienu għall-kategoriji mniżżla fil-lista fl-Anness I. Din il-lista trid tiġi riveduta perjodikament u, jekk meħtieġ, riveduta bl-istess proċedura;

[...]

c) *pussessur* [:] [...] il-produttur ta' l-iskart jew il-persuna naturali jew legali li jkollha l-iskart fil-pussess tagħha".

3 L-Artikolu 1(e) u (f) tad-Direttiva jiddefinixxi l-kunċetti ta' rimi u ta' rkupru ta' l-iskart bħala operazzjonijiet previsti fl-Annessi II A u II B tad-Direttiva rispettivament.

4 L-Artikolu 2 tad-Direttiva jipprovdi:

"1. Dawn li ġejjin għandhom jitħallew barra mill-iskop ta' din id-Direttiva :

[...]

b) fejn ikunu diġà koperti b'liġijiet oħra:

[...]

ii) l-iskart li jirriżulta mit-tfittix, l-estrazzjoni, it-trattament u l-ħażna ta' riżorsi minerali u mix-xogħol tal-barrieri;

[...]

2. Jistgħu jiġu preskritti regoli għal okkażjonijiet partikolari jew li jissupplimentaw dawk ta' din id-Direttiva għal kategoriji partikolari ta' skart permezz ta' Direttivi individwali."

5 IL-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 94/3/KE, ta' l-20 ta' Diċembru 1993, li tistabbilixxi lista ta' skart skond l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva [iktar 'il quddiem il-"lista Ewropea ta' l-iskart"] (ĠU 1994, L 5, p. 15). Din il-lista ġiet emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE, tat-3 ta' Mejju 2000, li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 94/3 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabbilixxi lista ta' skart perikoluż skond l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar skart perikoluż (ĠU L 226, p. 3). Il-lista Ewropea ta' l-iskart stabbilita permezz ta' din id-deċiżjoni ġiet emendata diversi drabi, l-aħħar darba bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/573/KE, tat-23 ta' Lulju 2001 (ĠU L 203, p. 18). Din il-lista tinkludi l-Kapitolu 17, intitolat "Skart ta' kostruzzjoni u twaqqigħ (inklużi ħamrija u ġebel li jkun fihom sustanzi perikolużi)", li jinkludi, b'mod partikolari s-Sezzjoni 17 05, din stess intitolata "ħamrija (inklużi ħamrija u ġebel li jkun fihom sustanzi perikolużi), ġebel u skart tat-tħammil", li fiha jidhru l-kapijiet 17 05 03, "ħamrija u ġebel li jkun fihom sustanzi perikolużi", u 17 05 04, "ħamrija u ġebel minbarra dawk imsemmija fil-kap 17 05 03".

Id-dritt nazzjonali

6 L-Artikolu 6(1)(a) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 22, li jimplementa d-Direttivi 91/156/KEE dwar l-iskart, 91/689/KEE fuq skart perikoluż u 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, tal-5 ta' Frar 1997, iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 22/97"), jipprovdi kif ġej:

"Għall-finijiet ta' dan id-digriet:

a) 'skart' tfisser kull sustanza jew oġġett fil-kategoriji ddikjarati fl-Anness A li l-pussessur iwarrab jew ikun beħsiebu jew ikun imġiegħel jarmi.

[...]"

7 L-Artikolu 8(1) ta' l-imsemmi digriet jeskludi ċerti sustanzi jew materjali mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, sa fejn ikunu koperti minn leġiżlazzjoni speċifika, inkluż, taħt il-punt (b), "skart li jirriżulta mit-tfittxija, l-estrazzjoni, it-trattament u l-ħażna ta' riżorsi minerali u t-tħaddim tal-barrieri".

8 L-Artikolu 10 tal-Liġi Nru 93/2001, żied punt ġdid (fbis) fl-Artikolu 8(1) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 22/97, li jipprovdi kif ġej:

"ħamrija u ġebel mit-tħaffir intiżi għall-użu tal-mili mill-ġdid, ta' l-irdim, ta' l-imbankar u tat-titħin, ħlief materjal minn siti mniġġsa u art irreklamata b'konċentrazzjoni ta' tniġġis ogħla mil-limiti aċċettabbli kif ipprovdut mil-leġiżlazzjoni applikabbli".

9 L-Artikolu 1(17) tal-Liġi Nru 443/2001 jipprovdi li l-Artikolu 8(1)(fbis) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 22/97 għandu jiġi interpretat "fis-sens li jfisser li ħamrija u ġebel mit-tħaffir, inklużi dak minn mini, mhumiex skart u, għaldaqstant, huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-digriet leġiżlattiv, anki jekk huma jiġu kkontaminati, matul iċ-ċiklu tal-produzzjoni, minn sustanzi li jniġġsu minħabba attivitajiet ta' tħaffir, titqib u kostruzzjoni, sa fejn il-kompożizzjoni medja tal-massa totali ma jkollhiex konċentrazzjoni ta' tniġġis ogħla mil-limiti massimi kif previsti mil-leġiżlazzjoni applikabbli".

10 Barra minn hekk, l-Artikolu 1(19) jipprovdi li:

"[g]ħall-materjali previsti fil-paragrafu 17, użu mill-ġdid għal mili mill-ġdid, ta' l-irdim, ta' l-imbankar u tat-titħin għandhom ifissru wkoll użu fiċ-ċikli differenti tal-produzzjoni industrijali, inkluż l-irdim ta' barrieri kkultivati u r-rimi f'sit ieħor, li jkun ġie awtorizzat mill-awtoritajiet amministrattivi kompetenti għal kwalunkwe

raġuni, dejjem jekk il-limiti mniżżla fil-paragrafu 18 ikunu osservati u li r-rimi jkun sar skond ir-regoli dettaljati dwar żvilupp mill-ġdid ta' l-ambjent tas-sit ikkonċernat."

11 Il-leġiżlatur Taljan emenda l-Artikolu 1(17) u (19) tal-Liġi Nru 443/2001 permezz ta' l-Artikolu 23 tal-Liġi Nru 306, li topera eżekuzzjoni ta' l-obbligi li joħorġu mis-sħubija ta' l-Italja mal-Komunità Ewropea, tal-31 ta' Ottubru 2003 (GURI Nru 266, tal-15 ta' Novembru 2003, iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 306/2003").

Il-proċedura prekontenzjuża

12 Billi qieset li l-korrelazzjoni ta' l-Artikolu 10 tal-Liġi Nru 93/2001 ma' l-Artikolu 1 (17) u (19) tal-Liġi Nru 443/2001 (iktar 'il quddiem, flimkien, id-"dispożizzjonijiet ikkontestati") jiksru d-direttiva, il-Kummissjoni tat bidu għall-proċedura ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu prevista fl-Artikolu 226 KE.

13 Peress li l-awtoritajiet Taljani ma rrispondewx għall-ittra ta' intimazzjoni tas-27 ta' Ġunju 2002, il-Kummissjoni bagħtet opinjoni motivata fid-19 ta' Diċembru 2002, li biha talbet lir-Repubblika Taljana tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tikkonforma ruħha ma' l-opinjoni fi żmien xahrejn min-notifika tagħha, li saret fl-istess jum.

14 Fil-kuntest tar-risposta tagħhom għall-opinjoni motivata, tal-5 ta' Marzu 2003, l-awtoritajiet Taljani bagħtu lill-Kummissjoni abbozz ta' emendi ta' leġiżlazzjoni fil-qasam tal-ħamrija mit-tħaffir.

15 F'laqgħa konġunta tal-25 ta' Ġunju 2003, il-Kummissjoni sostniet li dan l-abbozz ta' emendi baqa' jimplika interpretazzjoni stretta tal-kunċett ta' skart u li għalhekk imur kontra d-direttiva.

16 Permezz ta' ittra tat-3 ta' Frar 2004, l-awtoritajiet Taljani bagħtu kopja tat-test il-ġdid tal-liġi kif emendata, jiġifieri l-Liġi Nru 306/2003, kif kienet innotifikat lill-Kummissjoni fl-imsemmija ittra tal-5 ta' Marzu 2003.

17 Billi qieset li s-sitwazzjoni baqgħet mhux sodisfaċenti, il-Kummissjoni ressqet dan ir-rikors.

Fuq ir-rikors

Fuq l-ammissibbiltà

18 Fir-risposta tagħha, ir-Repubblika Taljana ssostni, qabel xejn, li r-rikors preżenti huwa inammissibbli peress li l-Kummissjoni ma ħaditx in kunsiderazzjoni l-emendi li saru bil-Liġi Nru 306/2003, li ġiet adottata fil-31 ta' Ottubru 2003 u li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Novembru 2003, jiġifieri matul il-proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

19 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li, minn naħa, il-Qorti tal-Ġustizzja ripetutament iddeċidiet li l-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għandha

tiġi evalwata skond is-sitwazzjoni ta' l-Istat Membru fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata u li l-bidliet li jseħħu sussegwentement ma jistgħux jittieħdu in kunsiderazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi ta' l-14 ta' Settembru 2004, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-168/03, Ġabra p. I-8227, punt 24, u tas-27 ta' Ottubru 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu, C-23/05, Ġabra p. I-9535, punt 9).

20 Min-naħa l-oħra, l-għan ta' rikors imressaq b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 226 KE huwa, konsegwentement, limitat mill-proċedura prekontenzjuża prevista f'din id-dispożizzjoni. Għaldaqstant, ir-rikors ma jistax ikun ibbażat fuq motivi oħra għajr dawk indikati matul din il-proċedura (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ta' l-10 ta' Mejju 2001, Il-Kummissjoni vs L-Olanda, C-152/98, Ġabra p. I-3463, punt 23, u tat-22 ta' Settembru 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, C-221/03, Ġabra p. I-8307, punt 38).

21 Issa, f'dan il-każ, l-emendi li saru permezz tal-Liġi Nru 306/2003 daħlu fis-seħħ wara li skada t-terminu preskritt fl-opinjoni motivata.

22 Minkejja li l-Kummissjoni tqis li dawn l-emendi ma kellhomx l-effett li jikkonformaw il-leġiżlazzjoni Taljana mad-direttiva, madankollu hija ppreċiżat, kemm fid-difiża tagħha u waqt it-trattazzjoni, li hija m'għandha ebda ħsieb li tikkontesta l-imsemmija liġi fil-kuntest ta' dan ir-rikors.

23 F'dawn iċ-ċirkustanzi, peress li s-suġġett tar-rikors li tressaq skond l-Artikolu 226 KE ma kienx fondat fuq eċċezzjonijiet oħra minbarra dawk indikati matul il-proċedura prekontenzjuża, hemm lok li tiġi miċħuda l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mir-Repubblika Taljana.

Fuq il-mertu

L-argumenti tal-partijiet

24 Il-Kummissjoni ssostni li d-dispożizzjonijiet ikkontestati jeskludu, *a priori* u b'mod ġenerali, il-ħamrija u l-ġebel mit-tħaffir intiżi għal ċerti operazzjonijiet ta' użu mill-ġdid mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-iskart, bil-konsegwenza li dawn id-dispożizzjonijiet tad-direttiva dwar l-immaniġġjar ta' l-iskart ma japplikawx għal dawn il-materjali.

25 Il-Kummissjoni tqis li l-ħamrija u l-ġebel mit-tħaffir, li jidhru fil-lista Ewropea ta' l-iskart, huwa materjali li l-pussessur tiegħu jrid jarmi u huma koperti mid-definizzjoni tal-kunċett ta' skart ipprovdut fl-Artikolu 1(a) tad-direttiva. Id-dispożizzjonijiet ikkontestati ma jillimitawx l-esklużjoni ta' l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li jirriżultaw mid-Direttiva fil-każijiet espliċitament imsemmija fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, imma jipprevedu esklużjoni iktar wiesa'.

26 Skond ir-Repubblika Taljana, il-kunċett Komunitarju ta' skart huwa suġġett għal eċċezzjonijiet raġonevoli fil-każ ta' prodotti sekondarji li l-impriża ma tkunx trid "tarmi" bħala skart. Fil-fatt, qari diliġenti tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar dan il-kunċett juri li r-rekwiżiti neċessarji għall-klassifikazzjoni ta' fdal bħala prodott sekondarju, minflok skart, mhuwiex l-użu mill-ġdid ta' dak il-materjal fl-istess proċess tal-produzzjoni minn fejn ġej dak il-materjal, imma ċ-ċertezza li dak il-materjal ser jintuża mill-ġdid mingħajr ma jiġi pproċessat minn qabel. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza tal-11 ta' Novembru 2004, Niselli (C-457/02, Ġabra p. I-10853, punt 52), li sempliċement neħħiet il-legalità ta' l-esklużjonijiet ġenerali tal-kategorija ta' l-iskart fin-nuqqas ta' verifika konkreta ta' l-użu mill-ġdid effettiv tal-materjali in kwistjoni.

27 Dan l-Istat Membru huwa tal-fehma li l-fdal li jintuża b'ċertezza, mingħajr ipproċessar minn qabel fil-proċess ta' produzzjoni li mhux fil-forma li joriġina minnu, għandu jitqies li huwa prodott sekondarju, meta dan il-proċess ta' użu mill-ġdid jew iseħħ fl-istess żmien bħall-proċess oriġinali jew jiġi assigurat użu mill-ġdid fi żmien xieraq, jiġifieri qabel ma l-ħażna tal-fdal tista' tirriżulta f'danni.

28 Filwaqt li tippreċiża li, fil-każ preżenti, il-leġiżlatur Taljan kellu l-għan ewlieni li jwettaq xogħlijiet pubbliċi u li ċ-ċaqliq ta' ħamrija u l-użu ta' ħamrija mit-tħaffir ċertament jikkostitwixxu l-iktar parti importanti ta' dawn il-proġetti, ir-Repubblika Taljana ssostni li dawk li jaħdmu dawn il-proġetti għandhom l-obbligu li jwettquhom u dan jiggarantixxi l-użu mill-ġdid tal-ħamrija mit-tħaffir jew ta' materjal għall-imbankar.

29 Ir-Repubblika Taljana tenfasizza r-rabta li teżisti bejn id-dispożizzjonijiet ikkontestati u t-twettiq ta' proġett kbir ta' xogħlijiet pubbliċi dwar mezzi ta' komunikazzjoni tal-pajjiż, li għalihom l-użu ta' ħamrija u ġebel huwa indispensabbli, li tiggarantaxxi użu mill-ġdid effettiv. F'dan il-kuntest, iktar milli jipprevedu esklużjoni ġenerali, id-dispożizzjonijiet ikkontestati, permezz ta' l-imsemmi proġett u tal-kontroll ta' l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet ikkonċernati, jipprovdu għas-sitwazzjonijiet li fihom il-ħamrija u l-ġebel huma eżenti mil-leġiżlazzjoni dwar l-iskart, sa fejn huma materjali li jistgħu jerġgħu jintużaw mill-ġdid skond pjan koerenti bbażat fuq evalwazzjoni minn qabel u speċifika ta' l-effetti fuq l-ambjent u s-saħħa.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

30 Il-Kummissjoni essenzjalment issostni, fl-argumenti tagħha, li d-dispożizzjonijiet ikkontestati jmorru kontra d-direttiva, u b'mod partikolari, kontra l-Artikolu 1(a) tagħha, in kwantu jiksru l-kunċett ta' "skart" applikabbli bis-saħħa tad-Direttiva, billi

jeskludu l-ħamrija u l-ġebel mit-tħaffir, intiżi għall-użu mill-ġdid, mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-direttiva dwar l-immaniġġjar ta' l-iskart.

31 Skond l-ewwel inċiż ta' l-imsemmi Artikolu 1(a), "skart" "għandu jfisser kull sustanza jew oġġett fil-kategoriji ddikjarati fl-Anness I li l-possessur jarmi jew ikun beħsiebu jew ikun imġiegħel li jarmi".

32 L-imsemmi anness jippreċiża u jesponi din id-definizzjoni billi jipproponi lista ta' sustanzi u oġġetti li jistgħu jiġu kkwalifikati bħala skart. Madankollu, din il-lista hija sempliċement indikattiva, peress li d-deskrizzjoni ta' skart tirriżulta qabel kollox mill-imġiba tal-pussessur u mit-tifsira tal-kelma "jarmi" (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-18 ta' Diċembru 1997, Inter-Environnement Wallonie, C-129/96, Ġabra p. I-7411, punt 26; tas-7 ta' Settembru 2004, Van de Walle *et*, C-1/03, Ġabra p. I-7613, punt 42, kif ukoll ta' l-10 ta' Mejju 2007, Thames Water Utilities, C-252/05, Ġabra p. I-3883, punt 24).

33 Il-kelma "jarmi" għandha tiġi interpretata mhux biss fid-dawl ta' l-għanijiet tad-Direttiva 75/442, jiġifieri l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u ta' l-ambjent mill-effetti ta' ħsara kkawżati mill-ġbir, mit-trasport, mit-trattament, mill-ħażna u mill-ħatt ta' l-iskart, iżda wkoll fid-dawl ta' l-għan ta' l-Artikolu 174(2) KE. Dan jipprovdi li "[i]l-politika Komunitarja dwar l-ambjent għandu jkollha l-mira ta' protezzjoni ta' livell għoli li tieħu kont tad-diversità tas-sitwazzjonijiet fid-diversi reġjuni tal-Komunità. Għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u fuq il-prinċipju li azzjoni preventiva għandha tittieħed [...]". Minn dan isegwi li, il-kelma "jarmi", u għaldaqstant, il-kunċett ta' skart fis-sens ta' l-Artikolu 1(a) tad-direttiva m'għandhomx jiġu interpretati ristrettivament (ara f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-15 ta' Gunju 2000, ARCO Chemie Nederland *et*, C-418/97 u C-419/97, Ġabra p. I-4475, punti 36 sa 40, kif ukoll Thames Water Utilities, iċċitata iktar 'il fuq, punt 27).

34 Hemm ċerti sitwazzjonijiet li jistgħu jikkostitwixxu indizzju ta' azzjoni, intenzjoni jew obbligu li tintrema sustanza jew jintrema oġġett, fis-sens ta' l-Artikolu 1(a) tad-direttiva (sentenza ARCO Chemie Nederland *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 83). Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, meta s-sustanza użata tkun fdal tal-produzzjoni jew tal-konsum, jiġifieri prodott li mhuwiex imfittex bħala tali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq ARCO Chemie Nederland *et*, punt 84, kif ukoll Niselli, punt 43).

35 Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, fil-prinċipju, fdal ta' tħaffir minn barriera tal-granit, li mhuwiex il-produzzjoni mfittxa primarjament minn dak li jagħmel użu minnu, jikkostitwixxi skart (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' April 2002, Palin Granit u Vehmassalon kansanterveystyön kuntayhtymän hallitus, C-9/00, Ġabra p. I-3533, iktar 'il quddiem is-sentenza "Palin Granit", punti 32 u 33).

36 Barra minn hekk, il-metodu ta' estrazzjoni jew il-mod ta' l-użu ta' sustanza ma jiddeterminawx jekk dan huwiex ikklassifikat bħala skart jew le (ara s-sentenzi ARCO Chemie Nederland *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 64, u ta' l-1 ta' Marzu 2007, KVZ retec, C-176/05, Ġabra p. I-1721, punt 52).

37 Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, minn naħa, li l-implementazzjoni ta' l-operazzjonijiet ta' rimi jew ta' rkupru msemmija rispettivament fl-Annessi II A jew II B tad-direttiva ma tippermettix, waħedha, li tikkwalifika sustanzi jew oġġetti użati f'dawn l-operazzjonijiet bħala skart (ara f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenza Niselli, iċċitata iktar 'il fuq, punti 36 u 37) u min-naħa l-oħra, li l-kunċett ta' skart ma jeskludix is-sustanzi jew l-oġġetti li jistgħu jerġgħu jintużaw ekonomikament mill-ġdid (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenza tal-25 ta' Gunju 1997, Tombesi *et*, C-304/94, C-330/94, C-342/94 u C-224/95, Ġabra p. I-3561, punti 47 u 48). Fil-fatt, is-sistema ta' sorveljanza u ta' mmaniġġjar stabbilita mid-direttiva hija intiża li tkopri l-oġġetti u s-sustanzi kollha li s-sid jarmi, anki jekk għandhom valur

kummerċjali u jingabru kummerċjalment bl-għan ta' riċiklaġġ, irkupru jew użu mill-ġdid (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Palin Granit, iċċitata iktar 'il fuq, punt 29).

38 Madankollu, mill-ġurisprudenza jirriżulta wkoll li, f'ċerti sitwazzjonijiet, materjal, prodott jew materja prima minn proċess ta' estrazzjoni jew ta' manifattura li mhuwiex intiż għall-produzzjoni tiegħu ma jistax jikkostitwixxi fdal, imma prodotti sekondarji li l-pussessur ma jfittixx li jarmi, fis-sens ta' l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva, imma li jkollu l-intenzjoni li juża jew jikkummerċjalizza — inkluż, skond il-każ, għall-bżonnijiet ta' operaturi ekonomiċi minbarra dak li jkun ipproduċih —, f'kundizzjonijiet vantaġġużi għalih, fi proċess sussegwenti, bil-kundizzjoni li dan l-użu mill-ġdid ikun ċert, ma jkkollux bżonn ta' trasformazzjoni minn qabel u jkun jinsab fil-proċess tal-produzzjoni jew ta' l-użu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Palin Granit, iċċitata iktar 'il fuq, punti 34 sa 36; tal-11 ta' Settembru 2003, AvestaPolarit Chrome, C-114/01, Ġabra p. I-8725, punti 33 sa 38; Niselli, iċċitata iktar 'il fuq, punt 47, kif ukoll tat-8 ta' Settembru 2005, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-416/02, Ġabra p. I-7487, punti 87 u 90, u Il-Kummissjoni vs Spanja, C-121/03, Ġabra p. I-7569, punti 58 u 61).

39 Wara kollox, minbarra l-kriterju bbażat fuq jekk sustanza hijiex jew le fdal minn produzzjoni, il-livell ta' probabbiltà ta' użu mill-ġdid ta' din is-sustanza, mingħajr operazzjoni ta' trasformazzjoni minn qabel, jikkostitwixxi kriterju ieħor rilevanti għall-finijiet ta' l-evalwazzjoni ta' jekk din is-sustanza hijiex jew le "skart" fis-sens tad-Direttiva. Jekk, lil hinn mis-sempliċi possibbiltà li din is-sustanza tintuża mill-ġdid, hemm vantaġġ ekonomiku għall-pussessur li jagħmel hekk, il-probbabiltà ta' użu mill-ġdid bħal dan hija qawwija. F'każ bħal dan, is-sustanza in kwistjoni ma tistax tibqa' tiġi analizzata bħala piż li l-pussessur jixtieq jarmi iżda bħala prodott awtentiku (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Palin Granit, punt 37, u Niselli, punt 46).

40 Madankollu, jekk dan l-użu mill-ġdid jimplika operazzjonijet ta' ħażna fuq ta' żmien, u għalhekk jikkostitwixxu piż fuq il-pussessur kif ukoll kawża potenzjali tat-tniġġis ta' l-ambjent li d-direttiva tfittex li tillimita, dan ma jistax ikun ikkwalifikat bħala ċert u huwa biss imfittex għall-perijodu bejn wieħed u ieħor fit-tul, b'mod li, fil-prinċipju,

is-sustanza in kwistjoni għandha titqies li hija skart (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Palin Granit, punt 38, u AvestaPolarit Chrome, punt 39).

41 Għaldaqstant, l-eżistenza vera ta' "skart" fis-sens tad-Direttiva għandha tiġi evalwata fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha, billi jittieħed in kunsiderazzjoni l-għan tagħha u billi jiġi assigurat li l-effettività tagħha ma tiġix ippreġudikata (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq ARCO Chemie Nederland *et*, punt 88, u KVZ retec, punt 63, kif ukoll id-digriet tal-15 ta' Jannar 2004, Saetti u Frediani, C-235/02, Ġabra p. I-1005, punt 40).

42 F'dan il-każ, huwa kostanti li d-dispożizzjonijiet ikkontestati jeskludu mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li jittrasponu d-direttiva, il-ħamrija u l-ġebel mit-tħaffir safejn dawn il-materjali, minn naħa, mhumiex ikkontaminati fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet, u min-naħa l-oħra, safejn huma intiżi għall-użu mill-ġdid għall-irdim, għall-imbankar u għat-titħin, inkluż għall-"irdim ta' barrieri kkultivati u r-rimi f'sit ieħor, li jkun ġie awtorizzat [...] għal kwalunkwe raġuni".

43 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar mill-bidu li, kif jirriżulta mill-punti 5 u 31 ta' din is-sentenza, il-"ħamrija u l-ġebel" li jaqgħu taħt il-lista Ewropea għandhom jitqiesu li huma "skart" fis-sens tad-Direttiva jekk il-pussessur jarmihom jew ikollu l-intenzjoni li jarmihom.

44 Peress li d-Direttiva ma tipprovdi ebda kriterju determinanti sabiex tiġi żvelata l-intenzjoni tal-pussessur li jarmi sustanza jew oġġett partikolari, l-Istati Membri, fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet Komunitarji, huma liberi fir-rigward ta' l-għażla tal-metodi ta' prova ta' l-elementi varji ddefiniti fid-direttivi li huma jittrasponu sakemm din l-għażla ma tippreġudikax l-effettività tad-dritt Komunitarju (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq ARCO Chemie Nederland *et*, punt 41, kif ukoll Niselli, punt 34). Għalhekk, l-Istati Membri jistgħu, per eżempju, jiddefinixxu kategoriji differenti ta' skart, b'mod partikolari, sabiex jiffaċilitaw l-organizzazzjoni u l-kontroll ta' l-

immaniġġjar tiegħu, safejn l-obbligi li jirriżultaw mid-Direttiva u mid-dispożizzjonijiet l-oħra tad-dritt Komunitarju dwar l-iskart jiġu osservati u li l-kategoriji eventwali esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tat-testi intiżi għat-traspożizzjoni ta' l-obbligi li jirriżultaw mid-direttiva jkunu konformi ma' l-Artikolu 2(1) tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2004, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, C-62/03, li mhux ippubblikata fil-Ġabra, punt 12).

45 Ir-Repubblika Taljana ssostni, essenzjalment, li skond il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-materjali msemmija fid-dispożizzjonijiet ikkontestati jistgħu jitqiesu li mhumiex fdal tat-tħaffir, imma prodott sekondarju li l-pussessur, minħabba li huwa jerġa' jagħmel użu mill-ġdid minnhom, ma jfittixx li "jarmi" fis-sens ta' l-Artikolu 1 (a) tad-direttiva, b'mod li l-imsemmija dispożizzjonijiet ma jillimitawx l-obbligi tiegħu fir-rigward ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart li jirriżultaw mid-direttiva.

46 Madankollu, fid-dawl ta' l-obbligu mfakkar fil-punt 33 ta' din is-sentenza, jiġifieri li jiġi interpretat b'mod wiesa' l-kunċett ta' skart u l-eżiġenzi tal-ġurisprudenza msemmija fil-punti 34 sa 40 ta' din is-sentenza, l-argument tal-Gvern Taljan rigward prodotti sekondarji li l-pussessur ma jixtieqx jarmi, għandu jiġi limitat għas-sitwazzjonijiet li fihom l-użu mill-ġdid ta' oġġett, ta' materjal jew ta' materja prima, inkluż il-bżonnijiet ta' operaturi ekonomiċi minbarra dak li pproduċieh, ma jkunx biss eventwali, imma ċert, ma jkollux bżonn ta' trasformazzjoni minn qabel u jkun parti mill-proċess kontinwu ta' produzzjoni jew ta' użu.

47 F'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet ikkontestati, b'mod partikolari, l-Artikolu 1(19) tal-Liġi Nru 443/2001, jipprevedu manifestament firxa wiesa' ta' sitwazzjonijiet, inkluż il-każ fejn il-ħamrija u l-ġebel mit-tħaffir jintremgħu f'sit ieħor.

48 Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li tissuġġerixxi essenzjalment ir-Repubblika Taljana, mhuwiex eskluż li, l-"użu mill-ġdid effettiv" previst mid-dispożizzjonijiet ikkontestati jseħħ biss wara żmien sostanzjali, jiġifieri żmien indeterminat, u jirrikjedi operazzjonijiet ta' ħażna fit-tul tal-materjali in kwistjoni. Għalhekk, kif jirriżulta mill-punt 39 ta' din is-sentenza, operazzjonijiet bħal dawn jikkostitwixxu piż fuq il-pussessur u huma l-kawża potenzjali tat-tniġġis ta' l-ambjent li d-direttiva tfittex li tillimita.

49 Barra minn hekk, kif jirriżulta, b'mod partikolari, mill-punti 36 u 37 ta' din is-sentenza, il-mod ta' kif tintuża sustanza ma jiddeterminax jekk din hijiex skart jew le. Konsegwentement, minn din is-sitwazzjoni biss ma jistax jitqies li l-materjali in kwistjoni li ser jiġu użati mill-ġdid ma jikkostitwixxux "skart" fis-sens tad-direttiva.

50 Fil-fatt, dak li jseħħ fil-futur fuq oġġett jew fuq sustanza ma jiddeterminax, waħdu, in-natura eventwali tiegħu bħala skart, dan huwa ddeterminat, skond l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 1(a) tad-direttiva, meta mqabbel ma' l-azzjoni, mill-intenzjoni jew mill-obbligu tal-pussessur ta' l-oġġett jew tas-sustanza li jarmih (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, ARCO Chemie Nederland *et*, punt 64, kif ukoll KVZ retec, punt 52).

51 Għaldaqstant, mid-dispożizzjonijiet ikkontestati jidher li fil-verità dawn jistabbilixxu preżunzjoni li tgħid li, fis-sitwazzjonijiet li huma jipprevedu, il-ħamrija u l-ġebel mitħaffir huma prodott sekondarju li fir-rigward tal-pussessur tiegħu, minħabba r-rieda tiegħu li jerġgħu jintużaw mill-ġdid, jimplikaw vantaġġ ekonomiku jew valur ekonomiku iktar milli piż li huwa jfittex jarmi.

52 Issa, anki jekk din is-sitwazzjoni tikkorrispondi għal sitwazzjonijet veri f'ċerti każijiet, ma jistax ikun hemm preżunzjoni ġenerali li l-pussessur tal-ħamrija u tal-ġebel mit-tħaffir ikollu vantaġġ mill-użu mill-ġdid tagħhom li jmur lil hinn mis-sempliċi fatt li jista' jarmihom.

53 Konsegwentement, anki jekk jitqies li sabiex jiġi assigurat li l-materjali previsti mid-dispożizzjonijiet ikkontestati huma verament użati mill-ġdid għal mili mill-ġdid, ta' l-irdim, ta' l-imbankar u tat-titħin — li r-Repubblika Taljana madankollu għadha ma stabbilixxiet ebda regola speċifika f'dan ir-rigward — għandu jiġi kkonstatat li dawn id-dispożizzjonijiet jimplikaw, skond id-dritt Taljan, li l-fdal li jikkorrispondi għad-definizzjoni pprovduta fl-Artikolu 1(a) tad-direttiva għandu jitqies li huwa skart.

54 Din id-dispożizzjoni ta' l-aħħar ma tipprovdix biss definizzjoni tal-kunċett ta' "skart" fis-sens tad-direttiva, imma tiddetermina wkoll, flimkien ma' l-Artikolu 2(1) tagħha, il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva. Fil-fatt, l-imsemmi Artikolu 2(1) jindika liema tip ta' skart huwa jew jista' jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva, u taħt liema kundizzjonijiet, filwaqt li, fil-prinċipju, kull skart li jikkorrispondi għal din id-definizzjoni huwa inkluż. Issa, kull dispożizzjoni tad-dritt intern li tillimita b'mod ġenerali l-portata ta' l-obbligi li jirriżultaw mid-direttiva lil hinn minn dak li huwa awtorizzat mill-Artikolu 2(1) neċessarjament tikser il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, iċċitata iktar 'il fuq, punt 11), u għalhekk tippreġudika l-effettività ta' l-Artikolu 174 KE (ara, f'dan is-sens, ARCO Chemie Nederland *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 42).

55 F'dan il-każ, anki jekk jitqies, kif sostniet ir-Repubblika Taljana waqt it-trattazzjoni, li l-operazzjonijiet imsemmija fid-dispożizzjonijiet ikkontestati huma rregolati mil-

leġiżlazzjoni nazzjonali dwar it-twettieq ta' xogħlijiet pubbliċi, bħal ma huma l-kostruzzjoni ta' mollijiet jew ta' mini, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat f'dan ir-rigward li dawn it-tip ta' xogħlijiet u ta' materjali użati, fil-prinċipju, ma jaqgħux taħt l-eċċezzjoni għall-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva, prevista fl-Artikolu 2(1) tagħha.

56 Fl-aħħar nett, fir-rigward ta' l-argument ta' dan l-Istat Membru li l-applikazzjoni tas-sistema ta' l-iskart tkun tfisser li dawk l-impriżi li jeliminaw l-iskart jew dawk li huma awtorizzati jittrasportaw jew jiġbru skart għandhom ikunu involuti fix-xogħlijiet, u li jista' jimplika żieda kunsiderevoli fl-ispejjeż, il-Kummissjoni ġustament sostniet li din il-problema toriġina mil-leġiżlazzjoni Taljana u mhux iktar milli mid-Direttiva. Bla ħsara għall-obbligi tar-reġistrazzjoni, jew, skond il-każ, ta' awtorizzazzjoni, il-pussessur ta' l-iskart jista' sempliċement jirkuprah jew jeliminah huwa stess skond id-dispożizzjonijiet tad-direttiva. F'dan ir-rigward, għandu jingħad li d-direttiva ma tapplikax biss għall-eliminazzjoni jew għall-irkupru ta' l-iskart minn impriżi speċjalizzati f'dan il-qasam, imma wkoll għall-eliminazzjoni u għall-irkupru ta' l-iskart mill-impriża li tipproduċih, fis-sit tal-produzzjoni tagħhom (sentenza Inter-Environnement Wallonie, iċċitata iktar 'il fuq, punt 29).

57 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rikors tal-Kummissjoni għandu jiġi milqugħ.

58 Għalhekk, hemm lok li jiġi kkonstatat li sa fejn id-dispożizzjonijiet ikkontestati jeskludu mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-iskart, il-ħamrija u l-ġebel mit-tħaffir intiżi għall-użu tal-mili mill-ġdid, ta' l-irdim, ta' l-

imbankar u tat-titħin, minbarra materjal minn siti mniġġsa u art irreklamata b'konċentrazzjoni ta' tniġġis ogħla mil-limiti massimi kif ipprovdut mil-leġiżlazzjoni applikabbli, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha imposti mid-direttiva.

Fuq l-ispejjeż

59 Skond l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li r-Repubblika Taljana tilfet, hemm lok li hija tiġi ordnata tbati l-ispejjeż kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Sa fejn l-Artikolu 10 tal-Liġi Nru 93, li jistabbilixxi dispożizzjonijiet fil-qasam ta' l-ambjent, tat-23 ta' Marzu 2001, u l-Artikolu 1(17) u (19) tal-Liġi Nru 443, li jopera delega tal-Gvern fil-qasam ta' l-infrastruttura u installazzjonijiet ta' produzzjoni strateġika kif ukoll ta' invenzjonijiet oħra għall-istimulazzjoni ta' l-attivitajiet tal-produzzjoni, tal-21 ta' Diċembru 2001, eskludew mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-iskart, il-ħamrija u l-ġebel mit-tħaffir intiżi għall-użu tal-mili mill-ġdid, ta' l-irdim, ta' l-imbankar u tat-titħin, ħlief materjal minn siti mniġġsa u art irreklamata b'konċentrazzjoni ta' tniġġis ogħla mil-limiti aċċettabbli kif ipprovdut mil-leġiżlazzjoni applikabbli, ir-Repubblika**

Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha, fir-rigward tal-materjali msemmija iktar 'il fuq, skond id-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE, tal-15 ta' Lulju 1975, dwar l-iskart, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 91/156/KEE, tat-18 ta' Marzu 1991.

2) Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata għall-ispejjeż.

Firem